

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Sib Professjonist Legali](#) > [Tipi Ta' Professjonijiet Legali](#) > Slovakia

Tipi ta' professjonijiet legali

Il-kontenut ipprovdut minn
Slovakkja

Slovakkja



Din il-paġna tagħtik f'arsa ġenerali tal-professjonijiet legali fis-Slovakkja.

Professjonisti legali - introduzzjoni

Prosekuturi

Organizzazzjoni

[L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku](#) tar-Repubblika Slovakkja huwa awtorità Statali indipendenti mmexxija mill-Prosekutur Ġenerali. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku jħares id-drittijiet u l-interessi protetti mil-liġi ta' individwi, entitajiet ġuridiċi u l-Istat fl-ambitu tas-setgħat tiegħu.

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku tar-Repubblika Slovakkja għandu kapitolu baġitarju separat għalih fil-baġit Statali.

L-istatus u r-rwol tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku u l-Prosekutur Ġenerali huma rregolati mill-Kostituzzjoni tar-Repubblika Slovakkja (l-Artikolu 149) u mill-Att Nru 153/2001 dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku, li jirregolaw ukoll is-setgħat tal-Prosekutur Ġenerali u l-prosekuturi l-oħrajn. L-Att jirregola wkoll l-organizzazzjoni u l-ġestjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku. L-istatus, id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-prosekuturi huma stabbiliti fl-Att Nru 154/2001 dwar il-Prosekuturi u l-Prosekuturi Apprendisti.

Struttura ġerarkika

Fid-dawl tar-rwol tiegħu bħala awtorità li tħares il-liġi, [l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku](#) jeħtieġ li jkun organizzat b'mod ġerarkiku. Dan jiżgura l-implimentazzjoni uniformi tal-liġijiet u ta' kull leġiżlazzjoni oħra ta' applikazzjoni ġenerali, u l-applikazzjoni uniformi tal-politika penali.

Fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku hemm ġerarkija ta' prosekuturi, li huma kollha subordinati għall-Prosekutur Ġenerali.

Setgħat

Is-setgħat tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku jinkludu dan li ġej:

- li jkun hemm il-prosekuzzjoni kriminali ta' individwi suspettati li kkommettew reati kriminali, u l-monitoraġġ tal-konformità mal-liġi kemm qabel ma tibda l-prosekuzzjoni kriminali skont il-liġi rilevanti kif ukoll waqt il-proċedimenti preliminari;
- li jiżgura li l-persuni li ġew imċaħħda mil-libertà tagħhom jew li l-libertà tagħhom kienet ġiet ristretta b'deċiżjoni ta' qorti jew kwalunkwe korp statali awtorizzat ieħor jinżammu f'postijiet u b'kundizzjonijiet legalment konformi;
- li jeżerċita s-setgħat tiegħu fi proċedimenti ġudizzjarji;
- li jirrappreżenta lill-Istat fi proċedimenti tal-qorti skont il-leġiżlazzjoni rilevanti;
- li jara li kwalunkwe awtorità amministrattiva pubblika timxi b'mod konformi sa fejn iddefinit mil-liġi;
- li jeżerċita s-setgħat tiegħu fil-qasam tal-kooperazzjoni internazzjonali sa fejn speċifikat fil-leġiżlazzjoni rilevanti, fi trattati internazzjonali promulgati bil-mod stabbilit mil-liġi u f'atti tal-UE legalment vinkolanti;

- li jieħu sehem fl-abbozzar u l-implimentazzjoni ta' miżuri mfassla biex jipprevjenu l-ksur tal-liġi u ta' kull leġiżlazzjoni oħra ta' applikazzjoni ġenerali;
- li jgħin fl-eliminazzjoni tal-kawżi u l-kundizzjonijiet tal-attivitajiet kriminali, u fil-prevenzjoni u t-trażżin tal-kriminalità;
- li jgħin fit-tħejjija tal-leġiżlazzjoni (involvement fil-proċess leġiżlattiv);
- li jwettaq kompiti oħrajn stipulati minn liġi jew att speċifiku jew minn trattat internazzjonali promulgat legalment.

Dmirijiet

Il-Prosekutur Ġenerali u l-prosekuturi individwali jwettqu d-dmirijiet kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-missjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku, u jużaw il-mezzi statutorji kollha li jistgħu meta jwettqu d-dmirijiet u l-obbligi tagħhom. Huma jridu:

- jimplimentaw (sa fejn jafu u *b'bona fide*) il-Kostituzzjoni tar-Repubblika Slovakkja, il-liġijiet kostituzzjonali u liġijiet oħrajn, it-trattati internazzjonali promulgati legalment, u kull leġiżlazzjoni oħra ta' applikazzjoni ġenerali;
- jirrispettaw u jipproteġu d-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem, u joqogħdu lura minn kull forma ta' diskriminazzjoni;
- jipproteġu l-interess pubbliku;
- jaġixxu dejjem b'inizjattiva, b'ġustizzja, b'imparzjalità, u mingħajr dewmien żejjed.

Ġerarkija

Is-sistema organizzattiva tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku tar-Repubblika Slovakkja hija magħmula mill-korpi li ġejjin:

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali huwa l-ogħla awtorità u jinsab fil-quċċata tas-sistema tal-prosekuzzjoni. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali jinkludi:

- l-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali stabbilit sabiex jiskopri u jieħu passi kriminali kontra każijiet ta' korruzzjoni u ta' kriminalità organizzata;
- l-Uffiċċji Reġjonali tal-Prosekuzzjoni (8), li huma superjuri għall-Uffiċċji Distrettwali tal-Prosekuzzjoni fir-reġjun tagħhom; u
- l-Uffiċċji tal-Prosekutur Distrettwali (55).

Il-kwartieri ġenerali tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali jinsabu fi Bratislava.

Il-kwartieri ġenerali u d-distretti territorjali tal-uffiċċji tal-prosekuzzjoni subordinati jikkorrispondu għall-kwartieri ġenerali u għad-distretti tal-qradi rilevanti. Madankollu, il-kwartieri ġenerali u l-ġuriżdizzjoni territorjali ma jikkorrispondux għat-tqassim territorjali amministrattiv tal-pajjiż.

Il-prosekuturi jwettqu dmirijietom bħala parti minn relazzjoni ta' servizz, li tiġi stabbilita meta jinħatru. Il-prosekuturi jinħatru mill-Prosekutur Ġenerali f'karigi ta' prosekuzzjoni għal perjodu indefinit. Il-prosekuturi jridu jieħdu ġurament mingħajr kundizzjonijiet meta jieħdu l-karigi tagħhom.

Kwalifiki

Il-prosekuturi jridu jkunu ċittadini Slovakkji u jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin. Huma:

- irid ikollhom tal-inqas 25 sena dakinhar tal-ħatra tagħhom;
- ikollhom il-lawrja ta' master fil-liġi minn fakultà tal-liġi ta' università fir-Repubblika Slovakkja jew ċertifikat rikonoxxut maħruġ minn università barranija u li jiċċertifika l-lawrja ta' master fil-liġi; jekk prosekutur l-ewwel jikseb grad ta' baċellerat u mbagħad lawrja ta' master, iż-żewġ lawrji jridu jinkisbu fil-qasam tal-liġi;
- igawdu kapaċità ġuridika sħiħa u jkunu fiżikament f'saħħithom biex iwettqu l-kompiti ta' prosekutur;
- irid ikollhom fedina penali nadifa, u jkollhom kwalitajiet morali li jiggarrantixxu li se jwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod xieraq;
- iridu jkunu jafu sew is-Slovakk;
- irid ikollhom residenza permanenti fir-Repubblika Slovakkja;
- ma jridu jkunu membri tal-ebda partit politiku jew moviment politiku;

- iridu jkunu għaddew mill-eżami għal prosekutur;
- iridu jkunu għaddew b'suċċess mill-proċedura tal-għażla, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi;
- iridu jagħtu l-kunsens tagħhom bil-miktub għall-ħatra bħala prosekutur f'uffiċċju partikolari tal-prosekuzzjoni.

Prosekutur apprendist biss jista' jirreġistra għall-eżami għal prosekutur. Il-postijiet battala għall-prosekuturi apprendisti jimtlew permezz ta' eżami selettiv.

L-eżami għudizzjarju tal-esperti u l-eżamijiet sabiex wieħed isir avukat jew nutar jikkwalifikaw ukoll bħala eżamijiet għal prosekutur skont l-Att.

Il-promozzjoni għall-kariga tal-Kap Prosekutur jew għal kariga oġġa tkun possibbli biss abbażi ta' proċedura ta' għażla u wara konsultazzjoni mal-Kunsill tal-Prosekuturi.

Il-kollokament temporanju ta' prosekutur biex iwettaq kompiti f'uffiċċju tal-prosekuzzjoni ieħor irid isir bil-kunsens tiegħu. Mingħajr tali kunsens, il-prosekuturi jistgħu jiġu ssekondati temporanjament biex iwettqu kompiti f'uffiċċju ta' prosekutur ieħor għal massimu ta' 60 jum ta' xogħol kull sena kalendarja jekk dan ikun meħtieġ sabiex l-uffiċċju tal-prosekutur inkwistjoni jkun jista' jwettaq il-kompiti tiegħu kif suppost.

Il-prosekuturi jistgħu jkunu ttrasferiti lejn uffiċċju tal-prosekuzzjoni ieħor bil-kunsens tagħhom biss, jekk japplikaw għat-trasferiment jew jiġu ttrasferiti għal raġunijiet dixxiplinari.

Il-Prosekutur Ġenerali jista' jissospendi prosekutur li jkun hemm kawża kontrih li tinvolvi reat kriminali intenzjonat jew reat kriminali mwettaq b'negliġenza fit-tweqqif tal-kompiti ta' prosekutur, jew li jkun suġġett għal proċediment dixxiplinari għal att li jista' jirriżulta fit-tkeċċija tiegħu minn prosekutur.

Ir-relazzjoni ta' servizz ta' prosekutur tista' tiġi tterminata biss għar-raġunijiet iddefiniti mil-liġi.

Rwoli u responsabbiltajiet

Prosekutur jissorvelja l-konformità mal-liġi kemm qabel il-prosekuzzjoni u kemm waqt il-proċedimenti preliminari. Filwaqt li jwettqu s-setgħat ta' sorveljanza tagħhom, il-prosekuturi jkollhom is-setgħa li:

- jagħtu struzzjonijiet vinkolanti lil membri tal-forza tal-pulizija, qabel ma jibdwew il-proċedimenti kriminali u waqt l-investigazzjoni u l-investigazzjoni sommarja ta' atti kriminali, u li jimponu limiti ta' żmien għall-ġestjoni ta' kawża; kwalunkwe struzzjoni trid tiġi inkluża fl-atti rispettivi tal-kawża;
- jitolbu fajls, dokumenti, materjali u rapporti dwar l-istatus ta' investigazzjoni tal-pulizija, ladarba l-prosekuzzjoni tkun bdiet, sabiex jistabbilixxu jekk il-pulizija bdiex il-prosekuzzjoni fil-ħin u hix qed timxi kif xieraq;
- jieħdu sehem fl-operazzjonijiet tal-pulizija, iwettqu attivitajiet investigattivi individwali jew imexxu investigazzjoni sħiħa jew investigazzjoni sommarja, u joħroġu deċiżjoni relatata ma' kwalunkwe każ; meta jagħmel dan, il-prosekutur irid jimxi skont il-liġi; jistgħu jitressqu lment kontra d-deċiżjonijiet tal-prosekuturi bl-istess mod kif jitressqu kontra d-deċiżjonijiet tal-pulizija;
- jirreferu kawża lura lill-pulizija bi struzzjonijiet biex jissupplimentaw investigazzjoni jew investigazzjoni sommarja, u jiddeterminaw limitu ta' żmien biex il-pulizija tagħmel dan; il-prosekutur jinnotifika kemm lill-akkużat kif ukoll lill-vittima li l-kawża reġġet intbagħtet għand il-pulizija;
- iħassru deċiżjonijiet illegali jew inġustifikati tal-pulizija u jissostitwuhom bid-deċiżjonijiet tagħhom; prosekutur jista' jiddeċiedi li ma jkomplix bi prosekuzzjoni kriminali jew jittrasferixxi kawża banda oħra fi żmien 30 jum, jekk il-prosekutur jissostitwixxi riżoluzzjoni tal-pulizija b'deċiżjoni tiegħu għal raġuni għajr fuq il-bażi ta' lment imressaq minn persuna intitolata; jista' jsir ilment kontra d-deċiżjoni tal-prosekutur u kontra r-riżoluzzjoni tal-pulizija; prosekutur jista' anki jagħti struzzjonijiet vinkolanti sabiex tinbeda investigazzjoni u investigazzjoni sommarja.
- jirtiraw każ minn uffiċjal tal-pulizija u jieħdu azzjoni sabiex jittrasferuh lil uffiċjal(i) tal-pulizija ieħor(oħra);
- jieħdu azzjoni biex jiżguraw li investigatur tal-pulizija jagħmel investigazzjoni jew investigazzjoni sommarja ta' reat kriminali mwettaq minn membru tal-forza tas-sigurtà armata; qabel tali azzjoni, il-prosekuturi għandhom jitolbu l-opinjoni tal-Kap tal-Uffiċċju tas-Servizz ta' Spezzjoni; f'investigazzjonijiet jew investigazzjonijiet sommarji dwar reati kriminali mwettqa minn uffiċjali tad-dwana, il-prosekuturi jistgħu jipproċedu b'mod simili.

Prosekutur biss għandu s-setgħa li:

- jakkuża lil xi ħadd;
- jikkonkludi ftehim ta' ħtija u kastig ma' persuna akkużata u jressaq proposta quddiem il-qorti biex dan il-ftehim jiġi approvat;
- jissospendi prosekuzzjoni kriminali;
- iwaqqaf, provviżorjament jew le, prosekuzzjoni kriminali;
- japprova l-konċiljazzjoni jew soluzzjoni ekstraġudizzjarja u jwaqqaf il-prosekuzzjoni kriminali;
- jagħti ordni biex tiġi ssekwestrata l-proprjetà tal-akkużat u jiddetermina liema beni m'għandhomx jiġu ssekwestrati, jew jikkanċella tali ssekwestrati;
- jiżgura t-talba ta' persuna leża, jikkancellaha, parzjalment jew le, jew jeskludi xi ħaġa minnha;
- jordna li katavru jiġi eżumat;
- jitlob kunsens għal prosekuzzjoni kriminali jew l-arrest ta' persuna f'kawża li teħtieġ il-kunsens tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakkja, tal-Kunsill Ġudizzjarju tar-Repubblika Slovakkja, tal-Qorti Kostitutjonali jew tal-Parlament Ewropew;
- jitlob ordni tal-qorti biex akkużat jiġi arrestat jew biex jiġi estiż il-perjodu li fih jinżamm taħt arrest;
- jitlob ordni li titlob ir-ritorn ta' imputat minn barra l-pajjiż;
- iwettaq investigazzjoni preliminari fi proċedimenti ta' estradizzjoni, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor mil-liġi;
- fuq il-bażi ta' talba minn awtorità barranija kompetenti, jitlob ordni lill-qorti bil-għan li jissekwestra b'mod preliminari l-proprjetà ta' individwu li fil-konfront tiegħu għaddejjja prosekuzzjoni kriminali barra mill-pajjiż, jew il-parti minn dik il-proprjetà li tkun tinsab fit-territorju tar-Repubblika Slovakkja.

Fl-eżerċizzju tas-setgħa ta' sorveljanza tagħhom bil-għan li jiġi żgurat li ċ-ċentri ta' detenzjoni għal persuni li jkunu ġew imċaħħda mil-libertà tagħhom jew li l-libertà tagħhom tkun ġiet ristretta jkunu legalment konformi, il-prosekuturi jridu jiżguraw li dawn il-persuni jinżammu f'ċentri bħal dawn biss fuq il-bażi ta' deċiżjoni tal-qorti jew ta' deċiżjoni ta' xi korp Statali ieħor awtorizzat, u li l-liġijiet u atti oħrajn ta' applikazzjoni ġenerali jiġu osservati fil-postijiet ikkonċernati.

Fi proċedimenti ċivili, prosekutur għandu s-setgħa li:

1. jitlob il-ftuħ ta' proċedimenti ċivili sabiex:

- jimponi r-riabilitazzjoni protettiva ta' persuna li jkollha bejn 12 u 14-il sena, jekk tkun wettqet att kriminali li, skont il-Kodiċi Kriminali, jista' jiġi kkastigat b'sentenza ta' priġunerija għal għomorha;
- jiddikjara strajk jew lock-out illegali;
- jiddikjara invalidu t-trasferiment ta' proprjetà tal-Istat skont l-Att dwar l-ippruvar tal-oriġini tal-fondi fil-każ ta' privatizzazzjoni, l-Att li jstabilixxi l-kundizzjonijiet għat-trasferiment ta' proprjetà tal-Istat lil persuni oħrajn jew l-Att dwar l-amministrazzjoni ta' proprjetà tal-Istat;
- jistħarreġ il-legalità ta' kwalunkwe deċiżjoni li tittieħed minn awtorità amministrattiva f'każijiet fejn l-oġġezzjoni mressqa minn prosekutur ma tkunx ġiet aċċettata;
- jirrevoka deċiżjoni illegali adottata minn municipalitè jekk din tal-aħħar tkun naqset milli tirrevoka d-deċiżjoni tagħha fuq il-bażi ta' oġġezzjoni mill-prosekutur;

2. jintervjeni fi kwalunkwe proċediment ċivili mhux kontenzjuż ħliet għal proċedimenti ta' divorzju. Jekk il-proċedimenti tad-divorzju jingħaqdu ma' proċedimenti li jiddeterminaw ir-relazzjonijiet ta' wara d-divorzju tal-konjuġi mat-tfal minuri tagħhom, il-prosekuturi jistgħu jintervjenu f'din il-parti tal-proċedimenti.

3. Fi proċedimenti ċivili kontenzjużi, il-prosekuturi jistgħu:

1. jippreżentaw azzjoni f'kawżi fejn l-Istat jitlob l-irkupru ta' arrikkiment indebitu, fejn tkun qed tintalab id-determinazzjoni tas-sjeda, fejn id-dispożizzjonijiet ta' att ta' applikazzjoni ġenerali jkunu nkisru, jew fejn previst f'att speċifiku;
2. jintervjenu fi proċedimenti miftuħa f'kawżi fejn l-Istat, persuna ġuridika stabbilita mill-Istat, intrapriża tal-Istat, persuna ġuridika li fiha l-Istat għandu interess ta' sjeda, awtorità muniċipali jew unità territorjali oġhla tkun waħda mill-partijiet fil-proċedimenti, jew f'kawżi li jikkonċernaw ir-responsabbiltà għal dannu kkawżat permezz tal-eżerċizzju ta' awtorità pubblika.

Filwaqt li jissorvelja l-konformità mal-liġijiet u ma' kull leġiżlazzjoni oħra ta' applikazzjoni ġenerali, min-naħa tal-awtoritajiet amministrattivi, il-prosekutur għandu d-dritt jistħarreġ il-legalità ta':

- il-leġiżlazzjoni ta' applikazzjoni ġenerali maħruġa mill-awtoritajiet amministrattivi pubbliċi;
- regoli amministrattivi interni maħruġa mill-awtoritajiet amministrattivi pubbliċi bl-għan li jkun żgurat li jitwettqu l-kompiti amministrattivi pubbliċi;

- deċiżjonijiet li jittieħdu f'kawżi individwali fil-qasam tal-amministrazzjoni pubblika;
- azzjonijiet tal-awtoritajiet amministrattivi pubbliċi meta joħorġu regoli u deċiżjonijiet amministrattivi interni fil-qasam tal-amministrazzjoni pubblika.

Imħallfin

Organizzazzjoni

Persunal tal-qorti

1. [Assistent amministratur prinċipali](#) (382 Kb)
2. [Reġistratur tal-Qorti](#) (295 Kb)
3. [Uffiċjal ġudizzjarju anzjan](#) (460 Kb)
4. [Assistent ta' mħallf tal-Qorti Suprema](#) (291 Kb)

Avukati

Bażijiet tad-*data* legali

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok irreferi għas-[sit web](#) tal-Kamra tal-Avukati Slovakka.

Konsulenti legali

Bażijiet tad-*data* legali

Għal aktar informazzjoni, irreferi għas-[sit web](#) taċ-Ċentru Slovakk għall-Għajnuna Legali.

Nutara

In-nutara fir-Repubblika Slovakka jridu jkunu gradwati fil-liġi.

Il-kompitu ta' nutar huwa li jeżegwixxi l-ġustizzja preventiva u joħroġ atti uffiċjali awtentikati.

In-nutara jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru għall-Ġustizzja.

In-nutara jridu jkunu membri tal-Kamra tan-Nutara tar-Repubblika Slovakka.

Bażijiet tad-*data* legali

Is-[sit web](#) tal-Kamra tan-Nutara jipprovdi appoġġ permezz ta' intranet biss għan-nutara. L-aċċess huwa mingħajr ħlas imma l-informazzjoni li tista' tiġi aċċessata hija limitata.

Il-bażi ta' *data* tipprovdi aċċess:

- għar-reġistri pubbliċi
- għal lista ta' nutara (dettalji ta' kuntatt, lingwa/i magħrufa, ħinijiet tal-ftuħ)
- għal-leġiżlazzjoni

L-aħħar aġġornament: 16/05/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.